**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**

**IL-ĦADD, 21.8.11: IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**

Illum il-Hadd 21 ta' Awwissu l-*Emergency Response Resque Team*, bl-għajnuna tal-Komunita' Kattolika ta' Marsalforn ser jorganizzaw nofs ta' nhar għoti tad-demm fil-*Hotel Calypso*, Marsalforn. Il-hin ghall-ghoti tad-demm ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.

Il-pubbliku bħal dejjem u mheggeg ikompli jagħti s-sapport .

Importanti li kull min imur jaghti d-demm jieħu miegħu l-Karta tal-Identita'.

**IT-TNEJN, 22.8.11:** TIFKIRA TAL-VERĠNI MQADSA MARIJA REĠINA.

**L-ERBGĦA, 24.8.11:** FESTA TA' SAN BARTILMEW APPOSTLU.

**ILĦADD, 28.8.11: IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA**

## KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ

**Dawk li għandhom il-ħsieb li jiżżewġu minn hawn u sentejn oħra, huma mitluba biex jiġu jinkitbu fl-uffiċċju parrokkjali.**

Dawk li diġa bdew il-kors is-sena l-oħra, għandhom jattendu u m'hemmx għalfejn jimlew il-formula tal-appliazzjoni fl-uffċċju Parrokkali, billi diġa għandna d-dettalji tagħhom.

Jekk xi koppja tiddeċiedi li tagħmel il-kors f'parroċċa oħra, qabel tiżżewweġ trid tippreżenta Ċertifikat li tkun għamlet il-kors ta' sentejn.

## IS-SORIJIET KLARISSI F'GĦAWDEX

Nhar il-Ħamis 25 ta' Awwissu, se jinfetaħ għall-ewwel darba f'Għawdex Monasteru tas-Sorijiet tal-Klawsura ta' Santa Kjara, jew kif inhuma magħrufin is-Sorijiet Klarissi.

Dawn se jkollhom id-Dar tagħhom qrib id-Dar tal-Irtiri Manresa. Iktar 'l quddiem se nistednuhom biex jagħmlu esperjenza fil-parroċċa tagħna.

Lejliet il-ftuħ se ssir Velja ta' Talb f'dan l-Monasteru

Nirringrazzjaw lil Alla ta' din il-grazzja li ta lid-djoċesi taghna u nitolbu kemm għal dawn is-sorijiet u anke biex ikun hawn iktar vokazzjonijiet reliġjużi minn fostna.

### GĦAJNUNA UMANITARJA LILL-POPLU TAL-LIBJA

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili qed jorganizza ġbir ta' ikel u ilma bħala għajnuna lill-poplu Libjan. Il-ġbir qed isir is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Awwissu 2011 mit-8.00a.m. Sal-5.00p.m. Dawk li jixtieqU jagħmlu d-donazzjonijiet tagħhom huma mitluba biex jieħdu l-ikel u l-ilma fil-Ħeliport.

### PASTORALI

Ma dan il-Bullettin qed inqassmulkom l-Ittra Pastorali tal-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni ta' Santa Marija.

## ĦARĠA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Iċ-Ċentru Parrokkjali se jorganizza ħarġa f'Kemmuna għaż-Żgħażagħ li se ssir nhar it-Tlieta, 23 ta' Awwissu.

Fit-3.30p.m. tluq mill-Pjazza tal-Knisja u fl-4.00p.m. tluq bil-lanċa mill-Imġarr. Niġu lura fis-7.15p.m.

Il-prezz se jkun €5 (jinkludi xarabank u lanċa)

Dawk iż-żgħażagħ li jixtieqU jieħdu sehem huma mitluba biex jikkuntatjaw lil Mons Karm Gauci mhux iktar minn nhar it-Tnejn sa nofs inhar.